MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 121/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrew Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Andrew Agius, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 425545M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Mejju 2007 jew fil-ġimgħat ta’ qabel din 1-istess data bil-ħsieb li jeżercita jedd ii jippretendi li għandu:

(1) fixkel lill-aħwa Azzopardi fil-pussess tagħhom billi daħal u okkupa illegalment żewġ porzjonijiet ta’ art proprjeta` ta’ l-aħwa Azzopardi kif ukoll qaċċat u qabbad in-nar fuq 1-istess proprjeta` ta’ 1-aħwa Azzopardi, u dan

bi ksur ta’ l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(2) ikkaġuna ħsara lill-aħwa Azzopardi fil-proprjeta` tagħhom billi fetaħ hajt tas-sejjieħ u għamel rampi fl-istess proprjeta` ai termini ta’ l-artikolu 340(b) u (d) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija minbarra li tapplika l-piena li jidhrilha xierqa tapplika l-proċeduri ta’ garanzija, u dan għas-sigurta` ta’ l-istess aħwa Azzopardi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-6 ta’ Marzu 2012 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 85 u 340(b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Andrew Agius ħati ta’ l-imputazzjonijiet u kkundannatu jħallas multa komplessiva ta’ ħamsin euro (€50). Oltre dan obbligatu sabiex ma jimmolestax u ma jinġurjax lill-kwerelant għal perijodu ta’ sena mid-data tas-sentenza appellata taħt penali ta’ mitejn u ħamsin euro (€250) fin-nuqqas, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Andrew Agius ppreżentat fit-12 ta’ Marzu 2012 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka għal kollox is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet ix-xhieda mill-ġdid; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jispjega l-aggravji tiegħu hekk:

“1. Illi l-esponent xehed illi huwa tramite kumpanija tieghu stess kien xtara r-raba madwar erbatax-il sena ilu u beda jahdmu bicca bicca sakemm wasal sabiex jahdem u jirranga l-porzjoni mertu ta’ dina l-kawza. Huwa xehed ukoll illi meta wasal sabiex jahdem dan ir-raba fetah hajt u

ghamel rampa sabiex ikun jista’ jaccedi ghaliha u dana peress illi r-raba li huwa xtara f’irdum kien kompost minn diversi hbula ta’ raba ta’ qisien differenti. L-esponent kompla jispjega li l-habel raba in kwistjoni li huwa kien xtara u kien irregistra ukoll fir-Registru tal-Artijiet, kien zdingat, mahmug bl-ghollieq u b’diversi hitan imwaqqghin u traskurat. L-esponent kompla jispjega li sabiex ghamel dan ix-xoghol kien ukoll talab l-ghajnuna ta’ Charles Grech u Fredu Galea.

“2. L-esponent ikkonferma illi huwa beda jahdem l-art minn naha li thares lejn il-majjistral u mbaghad in-naha ta’ nofsinhar u baqa’ tiela’, sakemm sussegwentement wasal ukoll sabiex jahdem l-habel raba in kwistjoni. L-esponent jikkonferma ukoll illi f’Jannar tas-sena 2007 ma kienx messha dina 1-porzjoni raba ghax kienet tinsab mitluqa u jghid illi f’erbatax il-sena u nofs dik il-porzjoni art qatt ma kienet inhadmet u kull ma kien hemm kien biss ghollieq u sigar mahruqin u mitluqin. Jghid ukoll illi wara li prova jlaqqam xi sigar, gabar is-sigar mejta u 1-ghollieq u haraq kollox. Wara dahal bil-mutur tal-hart fuq dina 1-art li huwa kien jemmen u ghadu jemmen li hija tieghu ghaliex kien xtraha w rregistraha mal-Land Registry. L-esponent jikkonferma illi meta beda jaghmel ix-xogholijiet mexa mal-pjanti illi huwa kellu u skond ir-registrazzjoni li huwa kellu mal-Land Registry Department. L-esponent ikompli jikkonferma illi huwa fetah l-hajt bejn porzjoni raba u ohra u ghamel rampa sabiex ikun jista’ jaccedi minn porzjoni raba ghall-ohra.

“3. Illi l-esponent waqt id-deposizzjoni tieghu tal-31 ta’ Ottubru 2007, jikkonferma illi fil-proceduri tal-mandat, b’referenza ghall-Mandat ta’ Inibizzjoni li kien sar kontra tieghu, ‘jiena ammettejt li bicca minn din ir-raba mhix tieghi. B’dan irrid infisser ghal dik il-parti fuq il-pjanta mmarkata bhala Dok F fejn hemm il-parti triangolari fuq. Mil-line ’l isfel huwa tieghi. F’dik il-bicca kien hemm ukoll sigar konsistenti f’ghollieq u gebel”.

“4. Min-naha taghha l-prosekuzzjoni tellghet bhala prova lill-parti civili Charles Azzopardi, fejn dan jikkonferma illi 1-art in kwistjoni kienet tappartjeni lilu u lill-familja tieghu

b'titolu ta' cens temporanju u jikkonferma ukoll illi huwa kien imur kull sena jaqta' l-frott u li kien jahdem l-art in kwistjoni pero 'recentement kont waqaft' (ara deposizzjoni tieghu tal-31 ta' Ottubru 2007). Il-parti civili jghid ukoll illi fl-4 ta' Gunju l-imputat fetah hajt li jinfed ghall-porzjoni raba in kwistjoni u li kien allura dak in-nhar li kellu access ghal dawk il-porzjonijiet.

"5. Huwa ta' importanza kbira li jigi rilevat illi l-parti civili jghid illi huwa kellem lill-imputat fid-29 ta' Mejju 2007 u 'staqsejtu x'kien gara u qalli li biex jara hwejjgu. Ghidtlu biex jara hwejjgu minn go hwejjgu u mhux minn go hwejjgi u ghidtlu li hemm tieghi'. Il-parti civili jkompli jikkonferma illi 'ghal dawn l-ahhar 6 jew 7 snin ma hdimtx dawn iz-zewg porzjonijiet raba'.

"6. Illi jigi rilevat illi quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha ghazlet li temmen il-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u mhux dik tad-difiza u dana anke meta l-Qorti kienet konsapevoli ghall-istat li kien jinsab ir-raba mertu ta' dina l-kawza.

"7. Illi bir-rispett kollu fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-elementi essenzjali ghar-reat ta' '*ragion fattasi*' kif konsistentement stabilit mill-gurisprudenza nostrana. Illi huwa ferm sinifikattiv il-fatt illi l-parti civili kellem lill-imputat ghall-ewwel darba fid-29 ta' Mejju 2007 u cioe` ghaxart ijiem jekk mhux aktar wara li allegatament sar ir-reat (ara data tal-allegat spoll fil-komparixxi). Huwa ukoll sinjifikattiv ghall-kawza odjerna illi gie stabilit miz-zewg partijiet illi r-raba in kwistjoni kien ilu ma jinhadem snin u ghalhekk huwa veru simili l-verzjoni tal-imputat illi r-raba in kwistjoni kien karatterizzat minn telqa u zdingar ma' kullimkien, b'hitan tas-sejjieh mwaqqghin, sigar tal-frott mejta u ghollieq u haxix hazin ma' kullimkien.

"8. Illi z-zewg imputazzjoniet migjuba kontra 1-esponent, ossia dik ta' *ragion fattasi* u dik tal-hsara volontarja huma fil-kaz odjern dipendenti fuq xulxin, u necessarjament il-prova tar-*ragion fattasi* tista' twassal ghas-sejbien ta' htija wkoll ghall-akkuza ta' hsara volontarja u dejjem jekk il-

hsara per se tkun pruvata. Kuntrarjament, fic-cirkostanzi bhal dawk ta' dina l-kawza, in-nuqqas ta' prova ta' *ragion fattasi* fil-konfront tal-imputat necessarjament ghandu ukoll twassal ghal ezenzjoni ta' htija in rigward tal-hsara volontarja. Element essenzjali ghal kull reat kriminali hija l-'*mens rea'* ossia x-xjenza tal-imputat jew akkuzat li jwettaq ir-reat deliberatament jew b'negligenza fil-liveli li tesigi l-ligi, u ghalhekk l-att estern wahdu minghajr dik ix-xjenza u r-rieda tal-imputat jew l-akkuzat li jwettaq dak l-att li jikkostitwixxi r-reat ma hux sufficjenti sabiex tkun pruvata.

"9. Illi fil-kaz in dizamina, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra 1-appellant hi kjarament dik ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna: "(1) att estem li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun **ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew presunta**, ta' dan il hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio'* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'), ara ukoll f'dan is-sens Il-Pulizija vs John Galea u Paul Galea, Appell Kriminali, 30 ta' Jannar 2003; u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru 1996; ara wkoll Faizon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput u dan, del resto, johrog mill istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li 1-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika" Appell Kriminali Il-Pulizija vs Mario

Lungaro, 15 ta’ Novembru 1996 u Il-Pulizija vs Joseph Bonnici, 26 ta’ Mejju 1995.

“10. Illi mhuwiex kontestat li l-imputat dahal fil-porzjoni raba in kwistjoni. Anqas huwa kontestat li fetah fetha fil-hajt halli jkun jista’ jaccedi minn habel raba ghal iehor u li haraq sigar li kienu mejta u ghollieq.

“11. Illi pero` jirrizulta li 1-imputat tramite kumpanija tieghu xtara territorju shih ta’ raba konsistenti minn tnejn u tletin tomna raba (ara kuntratt ta’ akkwist datat 28 ta’ Jannar 1993). Jirrizulta wkoll l-imputat irregistra l-art in kwistjoni mar-Registratur tal-Artijiet u li fuq r-raba in kwistjoni ghandu titolu assolut, (ara certifikat tar-registrazzjoni in atti). Jirrizulta wkoll illi l-imputat beda jahdem r-raba li huwa xtara fl-inhawi bicca bicca, stante li tenut kont tal-kobor u t-tharbit li kien hemm dan ma setax jahdem ir-raba kollu f’salt. Tant dan huwa hekk, li kellu ukoll jitlob l-ghajnuna ta’ terzi sabiex ikun jista’ jirranga l-hitan u jgib kollox f’ordni, process li hadlu s-snin. Jirrizulta wkoll illi l-parti civili fi kliemu stess, kien ilu s-snin ma jahdem ir-raba in kwistjoni u li l-imputat, li ma kienx konoxxenti minn dan il-fatt, beda jahdem ir-raba pass pass skond il-pjanta tieghu ta’ akkwist u tar-Registrazzjoni mal-Land Registry. Jirrizulta wkoll illi meta l-imputat dahal fir-raba in kwistjoni dan ghamlu ghax dejjem emmen li r-raba kien tieghu u dahal biex jahdmu kif del resto huwa ghamel fi bnadi ohra fir-raba mixtri minnu u f’cirkostanzi fejn l-art kienet tinsab f’telqa kbira, mimlija ghollieq u tikkontjeni hafna sigar mejtin. Illi ghaldaqstant l-imputat ma kienx jaf u anqas seta’ jassumi li l-art in kwistjoni setghet kienet okkupata minn haddiehor. Jirrizulta ukoll illi l-parti civili kien kellem lill-imputat ghall-ewwel darba fid-29 ta’ Mejju 2007, ossia ghaxart ijiem wara jew aktar, wara li sehh l-allegat reat u ghaldaqstant anqas hawn l-imputat ma seta jkun jaf bil-pretensjonijiet li seta kellu l-parti civili fuq l-art in kwistjoni qabel l-allegat att spoljattiv. Jirrizulta wkoll illi wara li kien intavolat mill-parti civili l-mandat ta’ inibizzjoni fil-forum Civili in segwitu ghax-xoghlijiet li ghamel l-imputat fir-raba in kwistjoni, l-imputat kien intebah u ammetta fl-atti tal-mandat illi bicca zghira deskritta bhala triangolu ma hiex tieghu, izda jsostni li l-kumplament tar-raba fejn hadem u

fejn fetah il-hajt kien tieghu (ara deposizzjoni tieghu nhar-il 31 ta'Ottubru 2007 u r-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri).

"12. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ma kinux pruvati lil hemm minn kull ombra ta' dubju ragjonevoli dettat mir-raguni. L-elementi ghal reat taht artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma l-konkorrenza ta' erba elementi flimkien kif hawn fuq elenkati;

"13. Illi bir-rispertt kollu lejn l-ewwel Qorti hija naqset li tistabilixxi li meta l-appellant dahal fir-raba in kwistjoni dan ghamlu kontra l-oppozizzjoni espresso jew presunta tal-parti civili, anzi kuntrarjament ghal dan gie stabilit illi l-parti civili kellem ghall-ewwel darba lill-appellant aktar minn ghaxart ijiem wara l-att spoljattiv u dana meta 1-art ma kinitx qieghda tinhadem u cirkostanzi fejn l-art in kwistjoni kienent karatterizzata minn telqa kbir kif kienet tinsab del resto l-proprjeta` kollha tal-appellant meta akkwistaha u qabel beda jahdimha w jirranga fiha; inoltre anqas gie pruvat l-element tal-konoxxenza fl-agent li hu kien qieghed jaghmel *'di privato braccio'*, dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew fil kliem il-Crivellari — Il-Codice Penale per il Regno d'Italia interpretao ecc. Torino 1895, vol vi — pg.749) "La persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del magistrato'. Illi barra minn dan isegwi ukoll, illi tenut ic-cirkostanzi kollha anqas ma giet provata x-xjenza tal-appellant illi meta dahal fuq l-art in kwistjoni kien qieghed jikkommetti r-reat ta' vjolazzjoni kontra l-proprjeta` u dana peress illi kull ma gie pruvat illi sar kien essenzjalment biss ftuh ta' access minn habel ghal iehor u tindif generali fuq l-art, oltre manutenzjoni tal-hitan tas-sejjieh u l-hdim tar-raba. Ma ngiebet ebda prova inekwivoka ta' hsarat u valur tal-hsara li allegatament saret fil-proprjeta`. Ghall-kuntrarju ghandu jinghad li x-xoghlijiet li saru jikkonsistu f'benefikat, altru milli hsara. Dan kollu ghandu ukoll jinghad bla pregudizzju ghal dak li xehed ukoll il-parti civili fejn jikkonferma illi l-ftuh tal-hitan saru fl-4 ta' Gunju b'referenza ghas-sena 2007, event li sehh gimghat wara d-data ndikata fl-akkuza bhala l-gurnata li allegatament

sehhet l-hsara volontarja. L-appellant meta dahal fir-raba in kwistjoni kien jemmen li r-raba huwa tieghu u ma kien hemm xejn x'jindika illi r-raba seta' kien okkupat minn haddiehor. Kien bissa wara li sar il-mandat ta' l-inibizzjoni fil-forum Civili li l-appellant wara konsultazzjoni ntebah u gharaf bla ebda esitazzjoni ta' xejn illi parti zghira biss mill-art in kwistjoni ma kinitx tieghu."

**6.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha, inkluż id-dokumenti esibiti. Jirriżulta li l-appellant u l-*parte civile* għandhom artijiet li in parti jmissu ma' xulxin fil-limiti ta' Ħad-Dingli. L-appellant jammetti biss li daħal "bi żball" f'dik il-parti triangolari mmarkata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. F (ara kopja esebita quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Mejju 2013 u li kopja oħra effettivament kienet ġiet esebita quddiem l-Ewwel Qorti u li tinsab a fol. 23 tal-proċess). Il-*parte civile* jgħid li l-estensjoni ta' l-art li l-appellant daħal fiha hija akbar u tinkorpora dawk il-partijiet li huma mmarkati 1H u li huma *shaded*. L-appellant isostni illi dawk il-partijiet *shaded* huma tiegħu.

**7.** Issa, skond l-appellant, l-Ewwel Qorti sabet ħtija biss illi huwa daħal f'dik il-parti mmarkata bl-aħmar. Din il-Qorti, wara li qrat sew is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, ma taqbilx. Fil-fatt mill-istess sentenza jirriżulta illi l-Ewwel Qorti aċċediet fuq il-post u ġie konstatat hekk: **"Il-Maġistrat żammet aċċess fuq il-post fil-preżenza ta' l-imputat u l-kwerelant, l-avukati tagħhom u l-Perit Tekniku. Il-Qorti ġiet murija dik il-parti triangolari fejn hemm il-kontestazzjoni dwarha. Il-Qorti nnutat li verament kien hemm sinjali ta' ħruq u kien hemm xi ġebel fil-ħajt tas-sejjieħ nieqes."** Fis-sentenza tagħha mbagħad l-Ewwel Qorti kkonkudiet hekk: **"Illi għalhekk fuq l-ammissjoni ta' l-imputat stess u a bażi ta' dak li xehed Charles Azzopardi, kif eżaminat fid-dawl tal-provi prodotti mill-perit tekniku, jirriżulta li effettivament huwa minnu li l-imputat daħal fil-proprjeta` b'forma triangolari li mhix tiegħu u għamel vjolazjoni billi ħaraq xi siġar u del resto anke żarma xi ħajt tas-sejjieħ."**

**8.** Bejn il-parti triangolari li jsemmi l-appellant li daħal fiha bi żball u l-bqija ta' l-estensjoni ta' l-art ma hemm l-ebda

ħajt tas-sejjieħ. Il-ħajt tas-sejjieħ jinsab jiddemarka l-art li ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni li hija ta' l-appellant, ossia ta' kumpanija Zoqdi Developers Ltd., mill-porzjonijiet ta' art immarkati "1H". Dan jidher ċar mill-pjanta li hejja l-perit tekniku u li tinsab esebita mar-relazzjoni tiegħu a fol. 105. Jiġifieri m'hemm l-ebda dubju illi l-Ewwel Qorti kienet qed issib ħtija tal-fatt li l-appellant kien daħal fil-porzjonijiet *shaded* ta' l-art immarkati "1H" (kif jidher fil-pjanta Dok. F) u mhux biss fil-parti mmarkata bl-aħmar.

**9.** Kieku l-appellant kien daħal biss f'dik il-parti mmarkata bl-aħmar, din il-Qorti tifhem li seta' għamel hekk bi żball ġaladarba ma kien hemm l-ebda linja ta' demarkazzjoni evidenti. Iżda ġaladarba ġie stabbilit illi huwa daħal f'parti akbar minn żewġt iħbula mmarkati "1H" u saħansitra żarma parti minn ħajt tas-sejjieħ, din il-Qorti mhijiex lesta li tikkunsidra tali difiża. Irid għalhekk jiġi determinat jekk jissussistux l-elementi kollha meħtieġa biex jista' jingħad li, fl-ewwel lok, l-appellant instab ħati korrettement tar-reat ta' *ragion fattasi*, u cioe`:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm

dana r-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”.[1]

**10.** Din il-Qorti m’għandha l-ebda raġuni tiddubita li dawk il-porzjonijiet immarkati “1H” (*shaded*) kienu jinsabu fil-pussess tal-*parte civile*. M’hemm l-ebda dubju lanqas illi l-appellant daħal f’dawn il-porzjonijiet u li ħaraq xi siġar li kien hemm. Skond l-appellant, l-art kienet għollieq u siġar nexfin, lill-appellant qatt ma rah u kien jara biss xi nies għall-kaċċa jew jonsbu. Dan il-fatt biss, cioe` li kien jara xi nies għall-kaċċa jew jonsbu jfisser li l-art kienet tintuża. Imbagħad, bħalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Agius** mogħtija fit-3 ta’ Lulju 2008 (fil-konfront ta’ l-istess appellant):

**“il-fatt li ghalqa jew bicca art tkun ilha ma tinhadem jew tinharat ma jfissirx li b’daqshekk ma tkunx tappartjeni lil haddiehor. Ma hemm ebda obbligu fuq sidien ta’ artijiet agrikoli li jahdmuhom u di fatti huwa *common knowledge* li sfortunatament illum hemm hafna artijiet agrikoli fil-gzejjer Maltin li ghal raguni jew ohra ma jinhadmux u jinsabu zdingati. Dan pero` zgur ma jintitolax lil sidien jew okkupanti ta’ artijiet vicini jew adjacenti li jinvaduhom u jokkupawhom bhallikieku kienu taghhom bla kliem u bla sliem. Lanqas ma jfisser li s-sidien legittimi ta’ dak ir-raba abbandunat ikunu rrinunzjaw id-dritt ta’ pussess fuqu. Il-pussess fuq il-proprjeta` kampestri ma jesigix li sid joqghod ghassa mieghu lejn u nar bil-lupara f’idu biex jilqa’ lil xi invazur potenzjali.”**

**11.** Jiġifieri meta l-appellant daħal fl-art u ħaraq xi siġar, ancorche` nixfin u mhux, bħalma jgħid, mhux bi skop ta’ vendikazzjoni, dan għamlu kontra l-opposizzjoni, imqar preżunta, ta’ min seta’ kien qiegħed jagħmel użu minn dik l-art, u bil-kredenza li kien qieghed jagħmel hekk b’eżercizzju ta’ dritt. Inoltre meta għamel hekk, kien qiegħed jagħmel *di privato braccio*, dak li jmissu sar bl-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta’ Novembru 1996

awtorita` tal-Qorti kompetenti. Difatti ġaladarba kien induna li kien hemm min qiegħed juża l-art, kellu jiddetermina min kellu dak il-pussess apparenti sabiex jara x'titolu kien qiegħed jiġi vantat u, wara interpellazzjoni inutili, jipproċedi bil-Qorti. Dan m'għamlux u għalhekk l-Ewwel Qorti korrettement sabet ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni.

**12.** Kwantu għat-tieni imputazzjoni, l-appellant qiegħed jiġi akkużat li kkaġuna ħsara billi fetaħ ħajt tas-sejjieħ u għamel rampi, u dan fl-istess perijodu, cioe` fid-19 ta' Mejju 2007 jew fil-ġimgħat ta' qabel. Mix-xiehda li l-*parte civile* ta quddiem l-Ewwel Qorti, pero`, jirriżulta illi l-ħajt infetaħ fl-4 ta' Ġunju 2007, jiġifieri wara d-data li biha ġie akkużat l-appellant. Għalhekk ma setax jinsab ħati tat-tieni imputazzjoni. Stante li l-appellant ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa "komplessiva" ta' ħamsin euro (€50), din se tiġi ridimensjonata.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u minflok ma ssibux ħati ta' dik it-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' ħamsin euro (€50), u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' erbgħin euro (€40), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan illi l-obbligazzjoni skond l-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tibda tiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------